"2. Il-Membri attwali tal-Unjoni Ewropea huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.".

▼B

2. L-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 2012/23/UE, il-punt 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Sentenzi dwar materji koperti mill-Protokoll ta' Ateni tal-2002 għall-Konvenzjoni ta' Ateni dwar il-Ġarr bil-Baħar ta' Passiġġieri u l-Bagalji tagħhom, 1974, meta jkunu mogħtija minn qorti tar-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, għandhom jiġu rikonoxxuti u eżegwiti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont ir-regoli rilevanti tal-Unjoni Ewropea dwar is-suġġett.".

8. L-ENERĠIJA

1. Id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE hija emendata kif ġej:

(a) Fl-Anness II, it-Taqsima "Netwerks tal-Elettriku" hija emendata kif ġej:

(i) fis-subtaqsima 2, "L-iżvilupp ta' konnessjonijiet tal-elettriku bejn l-Istati Membri meta jkunu meħtieġa għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex ikunu żgurati l-affidabbiltà u l-effiċenza tal-operazzjoni tan-netwerks tal-elettriku:", dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata "L-Ungerija – l-Awstrija":

"L-Ungerija – Il-Kroazja";

(ii) fis-subtaqsima 4, "L-iżvilupp ta' konnessjonijiet tal-elettriku ma' Stati li mhumiex Membri, u b'mod partikolari mal-pajjiżi kandidati, sabiex dan jikkontribwixxi għall-interoperabbiltà, l-affidabbiltà u l-effiċenza operattiva tan-netwerks tal-elettriku jew tal-provvista tal-elettriku fil-Komunità Ewropea:", l-entrata "L-Ungerija – il-Kroazja" titħassar;

(b) Fl-Anness III, it-Taqsima "Netwerks tal-Elettriku" hija emendata kif ġej:

(i) dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata "3.85. Konnessjonijiet ġodda tal-enerġija mir-riħ f'Malta (MT)":

"3.86. Pécs (HU) – Ernestinovo (HR)";

(ii) l-entrati "4.7. is-Substazzjon u l-linji ta' konnessjoni ta' Ernestinovo (il-Kroazja)" u "4.31 Pécs (HU) – Ernestinovo (HR)" jitħassru.

2. L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom huwa emendat kif ġej:

(a) l-Artikolu 9(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. Il-kapital tal-Aġenzija għandu jkun ta' EUR 5 856 000.";

(b) dan li ġej jiddaħħal fit-tabella fl-Artikolu 9(2) wara l-entrata għal Franza:

"Il-Kroazja	EUR	32 000";

▼B

(c) dan li ġej jiddaħħal fil-lista tal-Artikolu 11(1) wara l-entrata għal Franza:

“Il-Kroazja	2 membri”.

9. IT-TASSAZZJONI

1. Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, il-paragrafu li ġej jiddaħħal wara t-tieni paragrafu:

“Il-Kroazja għandha tinforma lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Lulju 2013 dwar l-awtorità kompetenti tagħha għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament u dwar il-bidliet sussegwenti msemmija fit-tieni paragrafu.”.

2. Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 389/2012, tiżdied is-sentenza li ġejja:

“Il-Kroazja għandha tinforma lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Lulju 2013 dwar l-awtorità kompetenti tagħha.”.

10. L-ISTATISTIKA

1. Fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, fit-tabella tal-Kapitolu 98, l-informazzjoni li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

“Il-Kroazja	Ministarstvo financija Carinska uprava Alexandera von Humboldta 4a 10000 Zagreb Državni zavod za statistiku Ilica 3 10000 Zagreb”

2. L-Anness B tar-Regolament (KE) Nru 2223/96 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 6(a) tat-Taqsima “It-trasmissjoni tad-dejta”, jiżdied l-inċiż li ġej:

“— 2000 (l-ewwel kwart (Q1) tas-sena 2000 għad-dejta ta’ kull tliet xhur) ’il quddiem għall-Kroazja,”;

(b) fit-Taqsima “Derogi mill-Istat Membru”, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

“9a. IL-KROAZJA

9a.1 Derogi għat-tabelli

Nru. tat-Tabella	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
1	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Dejta b’lura qabel l-1995	Qabel l-1995	Ma għandhiex tiġi trasmessa
2	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi trasmessa
2	Il-varjabbli / oġġetti kollha għajr K.2	Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012

▼B

Nru. tat-Tabella	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
3	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Dejta b'lura qabel l-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa
3	Il-varjabbli kollha għajr P.1, P.2, B.1g u D.1	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2014
6	Il-varjabbli kollha	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi trasmessa
7	Il-varjabbli kollha	Is-snin 1995-2000	1995-2000	Ma għandhiex tiġi trasmessa
8	Il-varjabbli / oġġetti kollha — annwali	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi trasmessa
8	Il-varjabbli / oġġetti kollha (eskluż it-taqsim ta' S.2) għajr K.2	Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012
9	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012
10	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa
11	Il-varjabbli kollha	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi trasmessa
11	Il-varjabbli kollha għajr K.2	Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012
12	Il-varjabbli kollha	Is-snin 1995-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa
13	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2009	1995-2009	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2010-2011	2010-2011	2015
15	Il-varjabbli / oġġetti kollha, prezzijiet attwali	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2015
15	Il-varjabbli / oġġetti kollha, prezzijiet kostanti	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2015
16	Il-varjabbli / oġġetti kollha, prezzijiet attwali	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2014
16	Il-varjabbli / oġġetti kollha, prezzijiet kostanti	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2015
17	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2016

▼B

Nru. tat-Tabella	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
18	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2016
19	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2016
22	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 1995-2004	1995-2004	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2005-2009	2005-2009	2016
26	Il-varjabbli / oġġetti kollha	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2017
		Is-snin 1995-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa

9a.2 Derogi għal varjabbli/oġġetti individwali fit-tabelli

Nru. tat-Tabell-a	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
1	L-akkwisti minbarra d-dispunim-ent tal-assi mhux prodotti u mhux finanzjarji (K.2) — annwali	Is-snin 1995-2010	1995-2010	2012
1	L-akkwisti minbarra d-dispunim-ent tal-oġġetti ta' valur — annwali	Is-snin 1995-2009	1995-2009	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2010-2014	2010-2014	2015
1	L-aġġustament għall-bidla fl-inte-ress nett tal-unitajiet domestiċi fir-riservi tal-fondi tal-pensjoni-jiet (D.8) — annwali	Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012
1	It-trasferiment tal-kapital li jasal u jitħallas mill-/lill-bqija tad-dinja (D.9) — annwali	Is-snin 2002-2009	2002-2009	2012
1	L-esportazzjonijiet u l-importaz-zjonijiet, analiżi ġeografika — annwali	Is-snin 2010-2011	2010-2011	2012
1	Il-formazzjoni tal-kapital gross fiss skont l-assi — annwali	Is-snin 1995-2012	1995-2012	2014
1	L-ispiża tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi; analiżi skont it-tul ta' żmien — annwali	Is-snin 1995-2014	1995-2014	2015
1	Il-krediti netti/is-self nett (B.9) — annwali	Is-snin 1995-2009	1995-2009	2012
1	It-tifdil, nett (B.8n) — annwali	Is-snin 1995-2009	1995-2009	2012
1	Qasma bejn it-taxxi fuq il-prodotti (D.21) u s-sussidji fuq il-prodotti (D.31) — annwali	Is-snin 1995-2008	1995-2008	2012

▼B

Nru. tat-Tabella	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
1	Il-kumpens tal-impjegati (D.1) skont l-industrija — annwali	Is-snin 1995-2008	1995-2008	2012
1	Il-pagi u s-salarji totali (D.11) skont l-industrija — annwali	Is-snin 1995-2008	1995-2008	2012
1	L-akkwisti minbarra d-disponiment tal-assi mhux prodotti u mhux finanzjarji (K.2) — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
1	L-akkwisti minbarra d-disponiment tal-oġġetti ta' valur — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2012-2014	2012-2014	2015
1	Il-konsum individwali reali — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2012-2014	2012-2014	2015
1	L-aġġustament għall-bidla fl-interess nett tal-unitajiet domestiċi fir-riservi tal-fondi tal-pensjonijiet (D.8) — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
1	It-trasferiment tal-kapital li jasal u jitħallas mill-/lill-bqija tad-dinja (D.9) — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
1	L-esportazzjonijiet tal-oġġetti — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2013
1	L-esportazzjonijiet tas-servizzi — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2013
1	L-amministrazzjoni pubblika — il-konsum individwali u kollettiv — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2012-2014	2012-2014	2015
1	Il-formazzjoni ta' kapital fiss gross skont l-assi — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2012-2014	2012-2014	2015
1	L-ispiża tal-konsum finali tal-unitajiet domestiċi; analiżi skont it-tul ta' żmien — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2012-2014	2012-2014	2015
1	L-importazzjonijiet tal-oġġetti — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2013
1	L-importazzjonijiet tas-servizzi — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2013
1	Il-krediti netti/is-self nett (B.9) — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa
1	Tifdil, nett (B.8n) — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2011	2000-2011	Ma għandhiex tiġi trasmessa

▼B

Nru. tat-Tabella	Varjabbli / oġġett	Deroga	Perjodu kopert mid-deroga	L-ewwel trasmissjoni fis-sena
1	Il-kumpens tal-impjegati (D.1) skont l-industrija — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2008	2000-2008	2012
1	Il-pagi u s-salarji grossi (D.11) skont l-industrija — ta' kull tliet xhur	Is-snin 2000-2008	2000-2008	2012
2	L-akkwisti minbarra d-dispunament tal-assi mhux prodotti u mhux finanzjarji (K.2)	Is-snin 2002-2013	2002-2013	2015
3	P.1, P.2, B.1g u D.1	Is-snin 2000-2008	2000-2008	2012
3	Analiżi tal-formazzjoni tal-kapital gross fiss skont l-industrija — annwali	Is-snin 1995-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2000-2012	2000-2012	2014
3	Qasma bejn il-makkinarju tal-uffiċċju (AN.111321) u t-tagħmir tar-radju, tat-TV u tal-komunikazzjoni (AN.111322)	Is-snin 1995-2012	1995-2012	Ma għandhiex tiġi trasmessa
6	Bidliet oħrajn fil-volum, li huma kkonsolidati u dawk li mhumiex ikkonsolidati, l-oġġetti kollha	Is-snin 2002-2009	2002-2009	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-sena 2010		T + 21 xahar
		Is-sena 2011		T + 18-il xahar
		Is-sena 2012		T + 9 xhur
6	Ir-rivalutazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, li huma kkonsolidati u dawk li mhumiex ikkonsolidati, l-oġġetti kollha	Is-snin 2002-2009	2002-2009	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-sena 2010		T + 21 xahar
		Is-sena 2011		T + 18-il xahar
		Is-sena 2012		T + 9 xhur
8	L-akkwisti minbarra d-dispunament tal-assi mhux prodotti u mhux finanzjarji (K.2) — annwali	Is-snin 2002-2013	2002-2013	2015
10	Il-kumpens tal-impjegati	Is-snin 2000-2008	2000-2008	2014
10	L-impjegati	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2014
10	Ix-xogħol f'eluf ta' sigħat maħduma	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2014
10	It-total	Is-snin 2000-2012	2000-2012	2014
11	L-akkwisti minbarra d-dispunament tal-assi mhux prodotti u mhux finanzjarji (K.2)	Is-snin 1995-2001	1995-2001	Ma għandhiex tiġi sottomessa
		Is-snin 2002-2013	2002-2013	2015
20	Assi fissi: analiżi AN_F6+	Is-snin 1995-1999	1995-1999	Ma għandhiex tiġi trasmessa
		Is-snin 2000-2012	2000-2012	2015
20	Qasma bejn il-makkinarju tal-uffiċċju (AN.111321) u t-tagħmir tar-radju, tat-TV u tal-komunikazzjoni (AN.111322)	Is-snin 2001-2012	2001-2012	Ma għandhiex tiġi trasmessa".

▼B

3. Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2002 huwa emendat kif ġej:

(a) Fl-Artikolu 5(2), is-sentenza li ġejja tiżdied fl-ewwel subparagrafu:

"Għar-Repubblika tal-Kroazja, l-ewwel trasmissjoni ta' dejta ta' kull tliet xhur għandha tirrigwarda dejta għall-ewwel tliet xhur tal-2012. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat tali dejta mhux aktar tard mill-aħħar tal-ewwel tliet xhur wara d-data tal-adeżjoni.";

(b) Fl-Artikolu 6(1), is-sentenza li ġejja tiżdied fl-ewwel subparagrafu:

"Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta b'lura ta' kull tliet xhur għall-kategoriji li jirreferi għalihom l-Artikolu 3, billi jibdew mill-ewwel tliet xhur tal-2002.";

(c) Fl-Artikolu 6(2), is-sentenza li ġejja tiżdied fl-ewwel subparagrafu:

"Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat lill-Kummissjoni (Eurostat) dejta ta' kull tliet xhur konnessa mal-ewwel tliet xhur tal-2002 sar-raba' tliet xhur tal-2011 mhux aktar tard mill-aħħar ta' Diċembru 2015.".

4. Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 437/2003, it-Taqsima "IL-KODIĊIJIET", "1. Il-pajjiż li jirrapporta", dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

"Il-Kroazja LD".

5. Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Anness I, l-informazzjoni li ġejja tiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

"HRVATSKA

Kodiċi	NUTS 1	NUTS 2	NUTS 3
HR0	HRVATSKA		
HR03		Jadranska Hrvatska	
HR031			Primorsko-goranska županija
HR032			Ličko-senjska županija
HR033			Zadarska županija
HR034			Šibensko-kninska županija
HR035			Splitsko-dalmatinska županija
HR036			Istarska županija
HR037			Dubrovačko-neretvanska županija
HR04		Kontinentalna Hrvatska	
HR041			Grad Zagreb
HR042			Zagrebačka županija
HR043			Krapinsko-zagorska županija
HR044			Varaždinska županija
HR045			Koprivničko-križevačka županija
HR046			Međimurska županija
HR047			Bjelovarsko-bilogorska županija
HR048			Virovitičko-podravska županija
HR049			Požeško-slavonska županija

▼B

Kodiċi	NUTS 1	NUTS 2	NUTS 3
HR04A			Brodsko-posavska županija
HR04B			Osječko-baranjska županija
HR04C			Vukovarsko-srijemska županija
HR04D			Karlovačka županija
HR04E			Sisačko-moslavačka županija
HRZ	EXTRA-REGIO NUTS 1		
HRZZ		Extra-Regio NUTS 2	
HRZZZ			Extra-Regio NUTS 3”;

(b) fl-Anness II, dan li ġej jiddaħħal fil-lista ta’ taqsimiet amministrattivi eżistenti f’NUTS livell 3 wara l-entrata għal Franza:

“għall-Kroazja ‘Županije’,”;

(c) fl-Anness III, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

“għall-Kroazja ‘Gradovi i općine’,”.

6. Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, it-tabella hija emendata kif ġej:

(a) Dan li ġej jiddaħħal wara r-ringiela għal Franza:

“Il-Kroazja	4 250	3 250	9 250	7 000”;

(b) Ir-ringiela għal “It-total għall-Istati Membri tal-UE” tinbidel b’din li ġejja:

“It-total għall-Istati Membri tal-UE	**135 000**	**101 500**	**282 150**	**210 850”;**

(c) Ir-ringiela għal “It-total li jinkludi l-Islanda u n-Norveġja” tinbidel b’din li ġejja:

“It-total li jinkludi l-Islanda u n-Norveġja	**141 000**	**105 950**	**292 150**	**218 300”.**

7. Regolament (KE) Nru 501/2004 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 6, jiżdied il-paragrafu li ġej:

“5. Għar-Repubblika tal-Kroazja, l-ewwel trażmissjoni ta’ dejta ta’ kull kwart tas-sena msemmija fl-Artikoli 3, 4 u 5 għandha tkun relatata ma’ dejta li tibda mill-ewwel kwart tal-2012. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat din id-dejta sa mhux aktar tard mill-aħħar tal-ewwel kwart wara d-data tal-adeżjoni.”;

(b) fl-Artikolu 7(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat lill-Kummissjoni (Eurostat) dejta b’lura li tirrigwardja l-varjabbli u l-oġġetti kollha ta’ kull kwart tas-sena msemmija fl-Artikolu 6 għas-snin 2002-2011 sa mhux aktar tard mill-aħħar ta’ Diċembru 2015.”.

▼B

8. Ir-Regolament (KE) Nru 1222/2004 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Artikolu 2(2), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għar-Repubblika tal-Kroazja, l-ewwel trasmissjoni tad-dejta dwar id-dejn trimestrali tal-gvern għandha tkun relatata ma' dejta li tibda mill-ewwel kwart tal-2012 u għandha ssir sal-aħħar tal-ewwel kwart wara d-data tal-adeżjoni.";

(b) fl-Artikolu 3, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat dejta b'lura mill-ewwel kwart tal-2002 sar-raba' kwart tal-2011 sal-aħħar ta' Diċembru 2015.".

9. Fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1161/2005, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għar-Repubblika tal-Kroazja, l-ewwel trasmissjoni tad-dejta trimestrali għandha tkun relatata ma' dejta għat-tielet kwart tal-2014. Ir-Repubblika tal-Kroazja għandha tibgħat din id-dejta sa mhux aktar tard mid-29 ta' Diċembru 2015. L-ewwel trasmissjoni għandha tinkludi dejta b'lura għall-perjodi mill-ewwel kwart tal-2012.".

10. Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1921/2006, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

"Il-Kroazja HRV".

11. L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 716/2007 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Livell 2-OUT, dan li ġej jitħassar mit-tabella:

"HR Il-Kroazja";

(b) fil-Livell 2-IN, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għal Franza:

"HR Il-Kroazja";

(c) fil-Livell 3, dan li ġej jiddaħħal wara l-kelma Il-Kroazja:

"(*)".

12. Fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 295/2008, il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakja: id-dejta mmarkata bil-bandiera CETO tista' tintbagħat għal-livell ta' klassi u grupp tan-NACE Rev. 2 u għall-analiżi dettaljata tal-klassi ta' daqs fil-livell tal-grupp tan-NACE Rev. 2. Ma jistgħux jiġu mmarkati aktar minn 25 % taċ-ċelloli fil-livell ta' grupp".

13. Fil-punt (ċ) tat-Taqsima A tar-Regolament (KE) Nru 216/2009, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għall-Greċja:

"Il-Kroazja HRV".

14. Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-Anness V, fin-noti fit-Taqsima (B), fin-notament (e), dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għall-Greċja:

"Il-Kroazja HRV";

▼B

(b) fil-punt (b) tat-Taqsima A tal-Anness VI, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għall-Greċja:

"Il-Kroazja HRV".

15. Fil-punt (ċ) tat-Taqsima A tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 218/2009, dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata għall-Greċja:

"Il-Kroazja HRV".

16. L-AnnessII tar-Regolament (UE) Nru 1337/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) in-nota (a) f'qiegħ il-paġna mat-Tabella 1 tinbidel b'dan li ġej

"[a] L-Istati Membri kkonċernati mill-analiżi reġjonali: BG, CZ, DE, IT, EL, ES, FR, HR, HU, AT, PT, RO, SI u SK.";

(b) in-nota (a) f'qiegħ il-paġna mat-Tabella 4 tinbidel b'dan li ġej:

"[a] L-Istati Membri kkonċernati mill-analiżi reġjonali: BG, CZ, DE, IT, EL, ES, FR, HR, HU, AT, PT, RO, SI u SK.".

17. L-Anness VII tar-Regolament (UE) Nru 70/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrau 2, fit-TABELLA TAL-KODIĊIJIET TAL-PAJJIŻI, taħt l-intestatura (a) Stati Membri (li jikkorrispondu għall-kodiċijiet tal-pajjiżi 2-alpha NUTS), dan li ġej jiddaħħal wara l-entrata "Franza FR":

"Il-Kroazja
HR";

(b) Fl-Anness VII, fit-TABELLA TAL-KODIĊIJIET TAL-PAJJIŻI, taħt l-intestatura (b) Pajjiżi oħra (b'kodiċi 2-alpha ISO 3166), titħassar l-entrata għall-Kroazja.

11. NETWERKS TRANS-EWROPEJ

NETWERK TAT-TRASPORT TRANS-EWROPEW

L-Anness tad-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE huwa emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima 2, "In-netwerk tat-toroq", hija emendata kif ġej:

(i) jiddaħħal dan li ġej "Il-Kroazja";

(ii) il-mappa 2.0 tinbidel b'din li ġejja:

▼B

2.0


LEITSCHEMA DES TRANSEUROPÄISCHEN VERKEHRSNETZES (Horizont 2020)
TRANS-EUROPEAN TRANSPORT NETWORK OUTLINE PLAN (2020 horizon)
SCHÉMA DU RÉSEAU TRANSEUROPÉEN DE TRANSPORT (horizon 2020)
STRASSEN
ROADS
ROUTES
EUROPE/EUROPA
Cyprus
Lefkosia
Malta
Valletta
Reykjavik
Helsinki
Tallinn
Oslo
Stockholm
Riga
København
Vilnius
Minsk
Dublin
Amsterdam
Berlin
Warszawa
Kyjiv
London
Bruxelles
Praha
Luxembourg
Paris
Chisinau
Wien
Budapest
Bratislava
Bern
Ljubljana
Zagreb
Beograd
București
Sarajevo
Sofia
Pristina
Podgorica
Skopje
Tirane
Roma
Madrid
Lisboa
Athina
Valletta
Bestehend
Existing
Existant
Geplant
Planned
Planifié

▼B

(iii) tiżdied il-mappa li ġejja:



▼B

(b) it-Taqsima 3, “In-netwerk tal-ferroviji”, hija emendata kif ġej:

(i) jiddaħħal dan li ġej “Il-Kroazja”;

(ii) il-mappa 3.0 tinbidel b'din li ġejja:

3.0



▼B

(iii) tiżdied il-mappa li ġejja:




▼B


(c) it-Taqsima 4, “In-netwerk tal-passaġġi fuq l-ilma interni u l-portijiet interni”, hija emendata kif ġej:

(i) jiddaħħal dan li ġej “Il-Kroazja”;

(ii) il-mappa 4.0 tinbidel b'din li ġejja:



(iii) tiżdied il-mappa li ġejja:



▼B

(d) it-Taqsima 5, “Il-portijiet”, hija emendata kif ġej:

(i) jiddaħħal dan li ġej “Il-Kroazja”;

(ii) il-mappa 5.0 tinbidel b'din li ġejja:

5.0



▼B

(iii) tiżdied il-mappa li ġejja:




▼B

(e) it-Taqsima 6, “L-ajruporti”, hija emendata kif ġej:

(i) jiddaħħal dan li ġej “Il-Kroazja”;

(ii) il-mappa 6.0 tinbidel b'din li ġejja:

6.0



▼B

(iii) tiżdied il-mappa li ġejja:



▼B

(f) fit-Taqsima 7, “In-netwerk ta' trasport kombinat”, il-mappa 7.1-A tinbidel b’din li ġejja:

7.1-A



▼B

12. ID-DRITTIJIET ĠUDIZZJARJI U FUNDAMENTALI

ID-DRITTIJIET TAĊ-ĊITTADINI TAL-UE

1. Id-Deċiżjoni 96/409/PESK hija emendata kif ġej:

(a) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(i) dan li ġej jiżdied wara l-kliem “ANEXA I”:

“— PRILOG I”;

(ii) dan li ġej jiżdied wara l-kliem “UNIUNEA EUROPEANĂ”:

“EUROPSKA UNIJA”;

(iii) dan li ġej jiżdied wara l-kliem “DOCUMENT DE CĂLĂTORIE PROVIZORIU”:

“, ŽURNA PUTNA ISPRAVA”;

(iv) dan li ġej jiżdied wara l-kliem “GLOSAR”:

“/KAZALO”;

(v) dan li ġej jiżdied wara l-kliem “(13) Ștampila autorității emitente”:

“(1) Prezime (2) Ime(na) (3) Datum rođenja (4) Mjesto rođenja (5) Visina (6) Državljanstvo (7) Vlastoručni potpis (8) Za jedno putovanje u – preko (9) Vrijedi do (10) Datum izdavanja (11) Registarski broj (12) Potpis službene osobe (13) Pečat nadležnog tijela”;

(b) fl-Anness III, il-paragrafu 3, il-lista li tidher wara l-kliem “kif ġej” tinbidel b’din li ġejja:

“Il-Belġju	=	B	—	[OOOOO]
Il-Bulgarija	=	BG	—	[OOOOO]
Ir-Repubblika Ċeka	=	CZ	—	[OOOOO]
Id-Danimarka	=	DK	—	[OOOOO]
Il-Ġermanja	=	D	—	[OOOOO]
L-Estonja	=	EE	—	[OOOOO]
Il-Greċja	=	GR	—	[OOOOO]
Spanja	=	E	—	[OOOOO]
Franza	=	F	—	[OOOOO]
Il-Kroazja	=	HR	—	[OOOOO]
L-Irlanda	=	IRL	—	[OOOOO]
L-Italja	=	I	—	[OOOOO]
Ċipru	=	CY	—	[OOOOO]
Il-Latvja	=	LV	—	[OOOOO]
Il-Litwanja	=	LT	—	[OOOOO]
Il-Lussemburgu	=	L	—	[OOOOO]
L-Ungerija	=	HU	—	[OOOOO]
Malta	=	MT	—	[OOOOO]

▼B

Il-Pajjiżi l-Baxxi	=	NL	—	[OOOOO]
L-Awstrija	=	A	—	[OOOOO]
Il-Polonja	=	PL	—	[OOOOO]
Il-Portugall	=	P	—	[OOOOO]
Ir-Rumanija	=	RO	—	[OOOOO]
Is-Slovenja	=	SI	—	[OOOOO]
Is-Slovakkja	=	SK	—	[OOOOO]
Il-Finlandja	=	FIN	—	[OOOOO]
L-Isvezja	=	S	—	[OOOOO]
Ir-Renju Unit	=	UK	—	[OOOOO]".

2. Ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 huwa emendat kif ġej:

(a) L-Anness I jinbidel b'li ġej:

"ANNESS I

NUMRU MINIMU TA' FIRMATARJI GĦAL KULL STAT MEMBRU

Il-Belġju	16 500
Il-Bulgarija	13 500
Ir-Repubblika Ċeka	16 500
Id-Danimarka	9 750
Il-Ġermanja	74 250
L-Estonja	4 500
L-Irlanda	9 000
Il-Greċja	16 500
Spanja	40 500
Franza	55 500
Il-Kroazja	9 000
L-Italja	54 750
Ċipru	4 500
Il-Latvja	6 750
Il-Litwanja	9 000
Il-Lussemburgu	4 500
L-Ungerija	16 500
Malta	4 500
Il-Pajjiżi l-Baxxi	19 500
L-Awstrija	14 250
Il-Polonja	38 250
Il-Portugall	16 500

▼B

Ir-Rumanija	24 750
Is-Slovenja	6 000
Is-Slovakkja	9 750
Il-Finlandja	9 750
L-Isvezja	15 000
Ir-Renju Unit	54 750”

▼B

(b) Fl-Anness III, il-Parti B tinbidel b'li ġejja:

"FORMOLA TA' DIKJARAZZJONI TA' APPOĠĠ — PARTI B

(għall-Istati Membri li jirrikjedu li jiġi pprovdut numru ta' identifikazzjoni personali/numru ta' dokument ta' identifikazzjoni personali)

Huwa obbligatorju li l-formola timtela kollha kemm hi.

TRID TIMTELA MINN QABEL MILL-ORGANIZZATURI:

1. Il-firmatarji kollha fuq din il-formola għandhom numri ta' identifikazzjoni personali / numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali ta': Jekk jogħġbok immarka biss Stat Membru wieħed għal kull lista,

BG	CZ	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU	HU	MT	AT	PL	PT	RO	SI	SE

Ara l-Parti Ċ għan-numri ta' identifikazzjoni personali/numri ta' dokumenti ta' identifikazzjoni personali li jrid jiġi pprovdut wieħed minnhom.

2. Numru ta' reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:
3. Data tar-reġistrazzjoni:
4. Indirizz tal-websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta fuq ir-reġistru tal-Kummissjoni:
5. Titolu ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta:
6. Suġġett:
7. Għanijiet ewlenin:
8. Ismijiet tal-organizzaturi:
9. Ismijiet u indirizzi tal-e-mail tal-persuni ta' kuntatt:
10. Websajt ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (jekk teżisti):

TRID TIMTELA MILL-FIRMATARJI:

'B'dan jien niċċertifika li l-informazzjoni li pprovdejt f'din il-formola hija korretta u li jien appoġġjajt din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta darba biss.'

▼B

ISMIJIET KOMPLUTI	KUNJOMIJIET ([1])	RESIDENZA PERMANENTI (it-triq, in-numru, il-kodiċi postali, il-belt, il-pajjiż) ([2])	DATA U POST TAT-TWELID ([3])	NAZZJONALITÀ	NUMRU TA' IDENTIFIKAZZJONI PERSONALI/TIP U NUMRU TA' DOKUMENT TA' IDENTIFIKAZZJONI ([4])	DATA U FIRMA ([5])

([1]) Għall-Bulgarija u l-Greċja, jekk jogħġbok iddikjara wkoll isem il-missier; għall-Greċja u l-Latvja, jekk jogħġbok iddikjara wkoll l-isem mogħti fit-twelid.
([2]) Biss għal Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Awstrija, il-Polonja u r-Rumanija.
([3]) Għall-Greċja, Franza, Malta, il-Portugall u r-Rumanija, jekk jogħġbok iddikjara biss id-data tat-twelid; għal-Lussemburgu, jekk jogħġbok iddikjara biss il-post tat-twelid; għall-Italja, il-Latvja, l-Awstrija, is-Slovenja u l-Isvezja, jekk jogħġbok iddikjara biss kemm id-data kif ukoll il-post tat-twelid.
([4]) Għad-dokumenti ta' identifikazzjoni Taljani, jekk jogħġbok iddikjara wkoll l-awtorità emittenti.
([5]) Il-firma mhijiex obbligatorja meta l-formola tiġi sottomessa b'mod elettroniku mingħajr firma elettronika.

Dikjarazzjoni dwar il-privatezza: f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, id-dejta personali pprovduta f'din il-formola ser tkun disponibbli biss għall-awtoritajiet kompetenti għall-għan ta' verifika u ċertifikazzjoni tan-numru ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ validi li rċevew għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (ara l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini) u, jekk ikun meħtieġ, ser tiġi pproċessata ulterjorament għall-għan tal-proċeduri amministrattivi jew legali relatati ma' din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta (ara l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 211/2011). Id-dejta ma tistax tintuża għal kwalunkwe skop ieħor. Is-suġġetti tad-dejta huma intitolati jiksbu aċċess għad-dejta personali tagħhom. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ kollha ser jinqerdu sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-data ta' reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, jew, fil-każ ta' proċedimenti amministrattivi jew legali, sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq ta' dawn il-proċeduri."

▼B

(c) Fl-Anness III, dan li ġej jiddaħħal fil-punt 2 tal-Parti C “Lista tal-Istati Membri li jirrikjedu li jiġi pprovdut wieħed min-numri ta’ identifikazzjoni personali/numri ta’ dokumenti ta’ identifikazzjoni personali, kif speċifikat hawn taħt, fil-formola ta’ dikjarazzjoni ta’ appoġġ — Parti B” wara l-entrata għal Franza:

“IL-KROAZJA

Osobni identifikacijski broj (numru ta’ identifikazzjoni personali)”;

(d) L-Anness VII jinbidel b’li ġej:

“ANNESS VII

FORMOLA GĦALL-PREŻENTAZZJONI TA’ INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI LILL-KUMMISSJONI

1. Titolu tal-inizjattiva taċ-ċittadini:

2. Numru ta’ reġistrazzjoni tal-Kummissjoni:

3. Data tar-reġistrazzjoni:

4. Numru ta’ dikjarazzjonijiet ta’ appoġġ miġbura (għandu jkun mill-inqas miljun):

5. Numru ta’ firmatarji ċċertifikati mill-Istati Membri:

	BE	BG	CZ	DK	DE	EE	IE	EL	ES	FR	HR	IT	CY	LV	LT	LU
Numru ta’ firmatarji																
	HU	MT	NL	AT	PL	PT	RO	SI	SK	FI	SE	UK	TOTAL			
Numru ta’ firmatarji																

6. Ismijiet sħaħ, indirizzi postali u indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta’ kuntatt ([1]).

7. Indika s-sorsi kollha tal-appoġġ u l-finanzjament għall-inizjattiva, inkluż l-ammont tal-appoġġ finanzjarju fil-ħin tal-preżentazzjoni: ([1])

8. B’din niddikjaraw li l-informazzjoni pprovduta f’din il-formola hija korretta.

Data u firma tal-persuni ta’ kuntatt:

9. Annessi:

(Inkludi ċ-ċertifikati kollha)

([1]) Dikjarazzjoni dwar il-privatezza: f’konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta’ individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta’ dik id-dejta, is-suġġetti tad-dejta huma informati li din id-dejta personali qed tinġabar mill-Kummissjoni għall-iskop tal-proċedura fir-rigward tal-inizjattiva taċ-ċittadini. Fuq ir-reġistru online tal-Kummissjoni ser ikunu disponibbli għall-pubbliku biss l-ismijiet sħaħ tal-organizzaturi, l-indirizzi tal-posta elettronika tal-persuni ta’ kuntatt u l-informazzjoni relatata mas-sorsi tal-appoġġ u tal-finanzjament. Is-suġġetti tad-dejta huma intitolati joġġezzjonaw għall-pubblikazzjoni tad-dejta personali tagħhom għal raġunijiet leġittimi aċċettabbli relatati mas-sitwazzjoni partikolari tagħhom, u jitolbu r-rettifika ta’ dik id-dejta f’kull waqt u t-tneħħija tagħha mir-reġistru online tal-Kummissjoni wara l-iskadenza ta’ sentejn mid-data tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta.”

▼B

13. IL-ĠUSTIZZJA, IL-LIBERTÀ U S-SIGURTÀ

A. IL-KOOPERAZZJONI ĠUDIZZJARJA FI KWISTJONIJIET ĊIVILI U KUMMERĊJALI

▼M1

_____

▼B

2. Ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-lista ta' konvenzjonijiet, trattati u ftehimiet fl-Artikolu 69 tinbidel b'li ġejja:

"— il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u Franza dwar il-Ġurisdizzjoni u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata f'Pariġi fit-8 ta' Lulju 1899,

— il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Pajjiżi l-Baxxi dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Falliment u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmata fi Brussell fit-28 ta' Marzu 1925,

— il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Italja dwar l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fit-3 ta' Ġunju 1930,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Repubblika Franċiża li tipprovdi għall-eżekuzzjoni reċiproka ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, bi Protokoll, iffirmata f'Pariġi fit-18 ta' Jannar 1934,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Renju tal-Belġju li tipprovdi għall-eżekuzzjoni reċiproka ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, bi Protokoll, iffirmata fi Brussell fit-2 ta' Mejju 1934,

— il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Italja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fid-9 ta' Marzu 1936,

— il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi li għandhom x'jaqsmu mal-Obbligi ta' Manteniment, iffirmata fi Vjenna fil-25 ta' Ottubru 1957,

— il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Belġju dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Bonn fit-30 ta' Ġunju 1958,

— il-Konvenzjoni bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Italja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-17 ta' April 1959,

— il-Konvenzjoni bejn il-Ġermanja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-6 ta' Ġunju 1959,

— il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-16 ta' Ġunju 1959,

▼B

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar ir-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Bonn fl-14 ta' Lulju 1960,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u l-Awstrija li tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fl-14 ta' Lulju 1961, bi Protokoll li jemenda ffirmat f'Londra fis-6 ta' Marzu 1970,

— il-Konvenzjoni bejn il-Greċja u l-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ateni fl-4 ta' Novembru 1961,

— il-Konvenzjoni bejn il-Belġju u l-Italja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Eżegwibbli oħrajn f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-6 ta' April 1962,

— il-Konvenzjoni bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Eżegwibbli oħrajn f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fl-Aja fit-30 ta' Awwissu 1962,

— il-Konvenzjoni bejn il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fl-Aja fis-6 ta' Frar 1963,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Repubblika tal-Italja għar-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, iffirmata f'Ruma fis-7 ta' Frar 1964, bi Protokoll li jemenda ffirmat f'Ruma fl-14 ta' Lulju 1970,

— il-Konvenzjoni bejn Franza u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fil-15 ta' Lulju 1966,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Renju Unit u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi li tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili, iffirmata fl-Aja fis-17 ta' Novembru 1967,

— il-Konvenzjoni bejn Spanja u Franza dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Għotjiet ta' Arbitraġġ f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Pariġi fit-28 ta' Mejju 1969,

— il-Konvenzjoni bejn il-Lussemburgu u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi u Strumenti Awtentiċi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fil-Lussemburgu fid-29 ta' Lulju 1971,

— il-Konvenzjoni bejn l-Italja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, ta' Għotjiet Ġudizzjarji u ta' Strumenti Awtentiċi, iffirmata f'Ruma fis-16 ta' Novembru 1971,

— il-Konvenzjoni bejn Spanja u l-Italja dwar l-Għajnuna Legali u r-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Madrid fit-22 ta' Mejju 1973,

▼B

— il-Konvenzjoni bejn il-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja, l-Isvezja u d-Danimarka dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, iffirmata f'Kopenħagen fil-11 ta' Ottubru 1977,

— il-Konvenzjoni bejn l-Awstrija u l-Isvezja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, iffirmata fi Stokkolma fis-16 ta' Settembru 1982,

— il-Konvenzjoni bejn Spanja u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet u Strumenti Awtentiċi Eżegwibbli f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata f'Bonn fl-14 ta' Novembru 1983,

— il-Konvenzjoni bejn l-Awstrija u Spanja dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet u Strumenti Awtentiċi Eżegwibbli f'Materji Ċivili u Kummerċjali, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Frar 1984,

— il-Konvenzjoni bejn il-Finlandja u l-Awstrija dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi f'Materji Ċivili, iffirmata fi Vjenna fis-17 ta' Novembru 1986,

— it-Trattat bejn il-Belġju, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Lussemburgu dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Falliment u l-Validità u l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi, Għotjiet ta' Arbitraġġ u Strumenti Awtentiċi, iffirmat fi Brussell fl-24 ta' Novembru 1961, sakemm dan ikun għadu fis-seħħ,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Ċekoslovakka u l-Portugall dwar ir-Rikonoxximent u l-Eżekuzzjoni ta' Deċiżjonijiet tal-Qorti, iffirmata f'Lisbona fit-23 ta' Novembru 1927, li għadha fis-seħħ bejn ir-Repubblika Ċeka u l-Portugall,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Repubblika tal-Awstrija dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Reċiproka, iffirmata fi Vjenna fis-16 ta' Diċembru 1954,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika tal-Poplu Pollakk u r-Repubblika tal-Poplu Ungeriż dwar l-Għajnuna Legali f'Materji Ċivili, Familjari u Kriminali, iffirmata f'Budapest fis-6 ta' Marzu 1959,

— il-Konvenzjoni bejn ir-Repubblika Federali tal-Poplu tal-Jugoslavja u r-Renju tal-Greċja dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku u l-Eżekuzzjoni tas-Sentenzi, iffirmata f'Ateni fit-18 ta' Ġunju 1959,

